Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13– It-Tnejn18 ta' Mejju 2020**

Il-Kunsill iltaqa' online nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju fis-13:00pm u t-trasmizzjoni ma gietx transmessa online għall-pubbliku minħabba ċċirkustanzi preżenti u l-pandemija tal-COVID-19.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

13.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**13.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoliġiji x'jinqraw.

### 13.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1 Is-Sindku rrefera għal din il-laqgħa bħala t-tielet waħda b'mod virtwali. Huwa spjega kif kien hemm diversi żviluppi kemm mill-att lokali kif ukoll nazzjonali fir-rigward tal-pandemija tal-Covid 19 li affettwaw bil-kbir il-ħidma u l-attivitajiet tal-Kunsill.

13.4.2 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellu mal-Perit Conti u mal-Avukat Deborah Camilleri ta' Transport Malta fuq il-post ta' diversi *issues* pendenti li għandna ma' Transport Malta. Waqt il-laqgħa saret żjara lil Triq Borg Għarib wara ż-żewg inċidenti serji li seħħew dan l-aħħar sabiex isir traffic calming measure u jidher li hemm il-possibilita' li jistgħu jsiru humps anke bħalma hemm fil-bypass tal-Mellieħa u xi *road markings* biex jitnaqqas l-ispeed. Ġie suġġerit li dawn isiru qrib Wied Simirat u qabel jibda l-bini peress li jhabbtu hafna. Is-sindku qal li dawn il-humps jistgħu jiġu applikati wkoll għal Triq l-Imġarr. Irrefera wkoll għas-site visit rigward il-One Way ta' Sant'Indrija u l-Perit Conti bħal baqgħet tinsisti li ssir iżda s-Sindku spjega kif minn naħa tiegħu nsista magħhom li ser ikun ta' nkonvenjent kbir għar-residenti ta' din it-triq għax iridu jdawwru l-isfel mar-roundabout biex jitilgħu l-fuq għal Triq l-Imġarr għax skond il-liġi trid tiġi one way traffic. Transport Malta ssuġġerew sabiex inkabbru s-signs biex jidhru aktar. Rigward il-proposta tal-Kunsill sabiex isiru bollards, huma qed jinsistu li mhix soluzzjoni li peress li t-triq hija dejqa ser jintlaqtu u ser tispiċċa li tkun spiża għall-kunsill għax ikollhom jinbidlu ta' spiss. Sar qbil li rigward din id-deċizjoni nerġgħu nressqu it-talba u naraw x'jiġri. Għamel referenza wkoll għat-talba li ressaqna sabiex jigu nstallati Pelican lights quddiem l-ispiżjara fi Triq l-Imgarr. Huma kkonfermaw li qed jikkunsidrawha iżda qed jagħmlu count ta' traffic imma mhux bhalissa peress li t-traffic count mhux realistiku. Rigward il-Proġett ta' Pjazza Tolfa, Transport Malta kkonfermaw li mhumiex ser japprovawha kif inhi peress li ma tistax tibqa kunċett ta' roundabout u kull fejn hemm open spaces go roundabout f'Malta qed ineħħuhom. Is-Sindku spjega kif huwa kkuntatja lil Perit Godwin Sultana b'dawn ir-rimarki u kkonferma li kien konxju li dan seta' jiġri. Id-disinn irid ikun forma ta' kaxxa jew hexagon b'kuntest ta' pjazza sħiħa. Ser ikollna nemendaw l-pjanti u l-pjanti jerġgħu jitressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni. Dawn ser isiru bis-sistema ta' Stop signs u anke both ways. Is-Sindku spjega li fil-pjanta ser tinbidel biss is-sistema tat-toroq mhux il-kontenut tal-Pjazza.

13.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa oħra li kellu mal-Inginier John Mizzi tal-Enemalta rigward il-ħtieġa ta' trinka mis-*substation* ta' Wied ir-Rgħajjes sa' Triq Anglu Grech fejn hemm l-Inspire. Is-Sindku spjega kif dan l-*upgrade* jrid isir bil-fors biex jitneħħa l-load qawwi tal-elettriku li qed isofri ċ-Ċentru tal-pjazza . Huwa spjega kif ikkuntattja lill-eks Sindku Francis Cauchi fejn ikkonferma li f'Triq Wied ir-Rgħajjes hemm mina li diġa hemm xi servizzi għaddejin minnha u fil-fatt ġie kkonfermat li l-Enemalta tista' tuża lilha u b'hekk ser nevitaw biċċa li titqatta trinka twila. L-uniku tqattigh li ser isir

ser ikun f'partijiet zgħar fi Triq Anglu Grech u quddiem is-substation ta' Fuq il-Għajn.

13.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal-laqgħa oħra li kellu tar-Regjun rigward il-*policing community, security cameras, wardens*, u wkoll dwar il-kuntratt tad-*decorative lights* biex joħroġ bħala tender għal Għawdex kollu mir-Regjun. Il-Kunsill qabel li ma għandniex nissieħbu f'dan l-agreement.

13.4.5 Irrefera wkoll għal-laqgħa li kellu ma' Joseph Bonello rigward it-tisqija kif qed issir fil-preżent. Huwa ssuġġerielna li ninvestu f'karru u npoġġu tank fuqu u nimlewh minn ħdejn il-Heliport permezz tas-sistema New Water u bl-għajnuna ta' pompa nkunu nistgħu nsaqqu bih. Il-Kunsill qabel ma' din l-idea u li għandna nixtru karru li jinġarr wara t-trakk tal-Kunsill.

13.4.6 Is-Sindku rrefera għall-ATM li ser tiġi nstallata fil-jiem li ġejjin. Huwa spjega li qed nistennew sabiex tiġi nstallata l-point tad-dawl u teħel quddiem il-Kunsill. Spjega kif din l-ATM żgur li ser tintlaqa' tajjeb ħafna u ser tkun ta' servizz ġdid għall-komunita' tagħna.

13.4.7 Is-Sindku rrefera għal-fatt li fi Triq iż-Żewwieqa kien hemm sleeping police u qed isiru talbiet sabiex terġa tiġi nstallata mill-ġdid. Sar qbil li għandna nitolbu li ssir tar-rubber u tiġi nstallata fuq il-bridge.

13.4.8 Is-Sindku rrefera għat-tender tal-ħitan tas-sejjieħ li jaqa' taħt il-Miżura 4.4 u għal fatt li għadu ma nbediex peress li l-kuntrattur huwa taljan u jinsab maqbud fl-Italja. Saret referenza wkoll għal fatt li peress li t-tender mirbuħ huwa anqas mill-ammont allokat għalina fil-grant agreement, is-Sindku propona li għandna nitolbu sabiex issir estenzjoni tal-pjanta billi nirrestawraw aktar ħitan. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba.

13.4.9 Is-Sindku rrefera wkoll għall-proġett tal-Cat Cafes u li jinsabu lesti u qed nistennew l-approvazzjoni tad-Dipartiment konċernat sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-launching tagħhom.

### 13.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.5.1 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar meta ser jigu nstallati l-Mini Open Libraries. Is-Sindku spjega kif dawn ukoll jinsabu lesti u hija ħasra li minħabba l-imxija tal-Covid 19 ma jistgħux jigu nstallati sabiex jiġi evitat l-użu ta' kotba minn id għall-oħra f'dawn iċ-ċirkustanzi. Huwa rrimarka li jittama li nkunu nistgħu nintroduċuhom kemm jista' jkun malajr.

13.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-ħtieġa urġenti sabiex jitranġa il-platform tal-ħadid li hemm fix-Xatt l-Aħmar peress li nqasmu l-gradi tal-ħadid. Is-Segretarja spjegat li diġa ġie kkuntatjat Laurence Mizzi mill-Ministeru għal Għawdex u ser jixtru l-ħadid u jirranġawh huma.

13.5.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa wkoll x'ser isir rigward il-ġebel li waqa fix-Xatt l-Aħmar u qed jimblokka l-passaġġ għall-inhawi magħrufa tal-Ingliżi. Is-Sindku spjega kif il-Ministeru għal Għawdex daħħlu lill-ERA u dawn talbu l-working method. Ir-rapport jinsab lest u ser jiġi sottomess għada. Din hija proċedura li ser tieħu fit-tul u hija ftit diffiċli .

13.5.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal-ftehim milħuq mal-Ministeru għal Għawdex sabiex issir parti mit-triq tax-Xatt l-Aħmar bil-konkrit. Din ser tinbeda' għada u ser issir il-parti fl-inħawi magħrufa minn taħt ta' Vendra sal-ewwel kamra li hemm.

13.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtiega sabiex isir xi patching fl-inhawi magħrufa fejn l-għar ta' Mondu fix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li dan isir.

13.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab ukoll sabiex jinżebgħu mill-ġdid il-bankijiet ta' taħt il-Bus Stop ta' Triq il-Ġnien u l-bankijiet ta' taħt ta' Lourdes. Sar qbil dwar dan.

13.5.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-fatt li qed nerġgħu nduru r-railing tal-Belveder ta' Triq Hamri b'żebgħa tajba għal-ħadid sabiex isservi fit-tul milli titqaxxar.

13.5.8 Il-Kunsillier Stephen Mercieca rrefera għat-tiswija li qed issir fil-funtana tal-Pjazza tad-Dehra. Huwa spjega kif instabu ħafna żbalji u kien diffiċli ferm li jissolvew iżda b'ħafna perseveranza issa l-funtana qegħda taħdem tajjeb u li qed jitqies li fuq jumejn kullma qed titlef ilma huwa xi pulzier li jitqies bħala konsiderevoli. Huwa spjega li qed isiru testijiet ripetuti qabel ma jingħalaq kollox biex naċċertaw li t-tiswijiet huma permanenti. Huwa spjega li minħabba ħsarat spissi, id-dawl li kien hemm ġol- funtana ġie eliminat u minflok sar madum li jixgħel minnu nnifsu.

13.5.9 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex nagħmlu pavimentar lit-taraġ ta' ħdejn il-Grand Hotel. Huwa propona li jsir simili ta' dak taċ-Ċittadella. Is-Sindku stqarr li pruvajna nġibu xi stimi tat-turġien. Sar qbil li għandna nqabbdu lill- Perit, Shawn Micallef sabiex joħroġ b'disinn.

13.5.10 Is-Sindku rrefera għaż-żjara fuq il-post li kellu mal-Perit Shawn Micallef fuq il-Belvedere ta' Sant' Eliju sabiex jagħtina ideat u disinn. Ġie propost li ntuħ it-tema ta' astronomija u ndaħħlu xi Mosaic ukoll permezz ta' madum li jixgħel bil-lejl biex jagħti atmosfera ta' stilel.

13.5.11 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal biċċa perikoluża li hemm fil-bidu tat-triq f'Sant' Eliju sabiex titranġa temporanjament biex jitneħħa kompletament il-periklu.

13.5.12 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex nitolbu lis-CMU biex ikomplu jibnu l-ħajt ta' Triq ix-Xatt l-Aħmar.

13.5.13Il-kunsillier Stephen Mercieca ilmenta rigward il-plastic aħdar li qed jitfarrak kollu. Is-Sindku qal li sfortunatament dan kien impost bħala wieħed mill-kundizzjonjiet tal-ERA.

13.5.14Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-istat ħażin li jinsab fih it-turf tal- Pjazza tad-Dehra. Is-Sindku spjega kif dan għadu jissaqqa' mill-kuntrattur iżda mingħajr irrigation system li tiffunzjona mhux qed naraw ir-riżultat meħtieġ. Sar qbil li għandna naraw li l-irrigation system tibda tiffunzjona wkoll.

13.5.15Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa dwar meta ser titpoġġa f'postha l-platform taż-Żewwieqa. Is-Segretarja spjegat li diġa kkuntatjat lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex sabiex ipoġġuha iżda dawn ikkonfermaw li jpoġġuha malli jieqaf l-istaġun tar-riħ.

13.5.16Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab ukoll sabiex inwittu l-ewwel parti malli tkun ser taqbad il-bajja taż-Żewwieqa peress li hemm ħafna blat fil-wiċċ hekk kif titla mill-garage għal bajja. Is-Sindku infurmah li x-xogħol fil-bajjiet huwa ppjanat għal ġranet li jmiss.

13.5.17Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex jinqata' l-ħaxix mit-triq ta' Lourdes. Is-Sindku rrisponda li l-ħaddiema tal-kuntratt tal-knis kellhom imorru din il-ġimgħa iżda għamlilhom il-ħsara l-mutur u ser jara li jmorru mill-aktar fis.

13.5.18Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li kien hemm restaurant partikolari li għaddielu xi ċaqquf imkisser sabiex nużawh għal mosaic u wkoll żewġ bettiji tal-inbid li ser jintużaw f'Ta' Passi għall-presepju. Il-Kunsill faħħar din l-għotja.

13.5.19Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex tinbidel mera mkissra li hemm fit-tarf ta' Triq il-Provigarju għal Triq l-Imġarr.

13.5.20Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għat-trinka li saret fi Triq il-Brieghen minn xi bdiewa wara li tlestiet it-triq. Is-Sindku spjega li malli kien infurmat sar jaf minn huma u mar kellimhom individwalment u tahom 24 siegħa sabiex tingħalaq. Is-Sindku tkellem mal-Perit dwar kif trid terġa tinghalaq it-trinka u jsir ix-xogħol kif meħtieġ. Is-sindku spejga kif il-bdiewa qalulu li t-trinek saru sabiex jieħdu ferha li twassal għal ħdejn il-pompa tan-New Water sabiex jittieħed l-ilma li qed jissaffa u jittella apposta għalihom mill-Impjant tad-Drenaġġ. Is-Sindku qal li minn naħa tiegħu fehem l-iskop ġenwin tagħhom u talabhom sabiex jerġgħu jsewwu t-triq fl-istat originali tagħha. It-trinka ingħalqet u t-tiswijiet saru perfetti. Il-Viċi Sindku talab sabiex nikkuntatjaw lil WSC humiex konxji mis-sitwazzjoni u jekk hemm xi pajpijiet jaqsmu sarux bl-awtorizazzjoni tagħhom peress li aħna ma konniex konnxji u ma sarux bil-kunsens tagħna.

13.5.21 Il-kunsillier Teddy Saliba semma' li ġie avviċinat minn xi nies fi Triq il-Ġnien fejn talbu sabiex nittrimjaw is-siġra li hemm fic-Central strip. Is-Sindku kkonferma din il-ħtieġa u wkoll li jsir tindif fuq it-turf anke permezz ta' blower.

13.5.22 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-talba sabiex isiru one metre fuq kull naħa tal-garage ta' residenza fi Triq Hamri. Din it-talba ġiet approvata.

13.5.23 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex nressqu t-talba lill-Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* fi Triq ix-Xatt fl-Imgarr ħdejn il-Gleneagles. Ġie kkonfermat li din it-talba tresqet kemm il-darba u ġiet irrifjutata. Sar qbil li għandna nerġgħu nressqu din it-talba.

13.5.24 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera wkoll għal-kuntatt li kellu mal-owner tal-Mgarr Heights rigward il-grada mgħawwga ta' culvert sabiex jirranġawha peress li tinsab fil-premises tagħhom. Is-Sindku kkonferma li din ser issir.

## 13.6 Korrispondenza u Rapporti

13.6.1 Ġie trattat ilment mingħand resident fi Triq il-Ġnien dwar il-fatt li qed jgħaddu ħafna trakkijiet industrijali minn Triq Benghazi u kull darba, ir-residenti qed ikollhom joħorġu minn djarhom u iħarrku l-vetturi pparkjati tagħhom sabiex jkunu jistgħu jgħaddu peress li t-triq dejqa. Sar qbil li għandna nitolbu li l-parti t'isfel ta' Triq Benghazi tingħalaq għal-Heavy Vehicles.

13.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident ta' Triq Hamri sabiex teħel shield fuq bozza numru 299 fi Triq Hamri stess peress li għandha dawl qawwi. Sar qbil li għandna nispezzjonaw u naraw x'hemm biex filkaż nibdluha.

13.6.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Sant'Antnin sabiex issir bollard fi Triq Sant'Antnin kantuniera ma' Ferdie's Restaurant bħala protezzjoni peress li qed iġarrab ħsarat mar-residenza tiegħu kull x'ħin issir xi delivery bit-trakkijiet. Sar qbil li għandna nagħmlu kanna prottettiva mal-kantuniera.

13.6.4 Ġie trattat l-ilment mingħand residenta fi Triq il-Gudja li qed ikun hemm ħafna ġrieden kbar fl-inħawi peress li l-għelieqi tal- madwar u fil-wied qed jintrema kull tip ta' żibel. Sar qbil li għandna ngħaddu dan l-ilment lil tas-Sanita sabiex jitfgħu ftit tosku.

13.6.5 Ġiet trattata talba mingħand residenta ta' Triq Santu Liju għal yellow lines faċċatta tal-garage tagħha peress li qed jipparkjaw u ma jkunux jistgħu joħorġu t-truck. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil-Transport Malta.

13.6.6 Ġiet trattata email mingħand Abraham Catering sabiex jużaw l-area tad-divers għal xi events ta' bbq. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt x'permessi jinħtieġu.

13.6.7 Ġiet trattata l-email mingħand ir-restaurant One 80 sabiex ikun jista jpoġġi mwejjed temporanjament fuq il-mall ta' taħt ir-restaurant tiegħu. Sar qbil li għandna nitolbuh siteplan u ntuh permess temporanju konness maċ-ċirkustanzi tal-Covid bil-kundizzjoni li ma jimblukkax il-passaġġ għall pubbliku.

13.6.8 Saret referenza għal-talba li tressqet lill-Ministeru għal Għawdex rigward ġbir ta' skart domestiku minn xi residenzi li hemm fl-Imgarr. It-talba ressaqniha lill-Ministeru għal Għawdex iżda ma gietx aċċettata. Il-Kunsill qabel li fil-kuntratt il-ġdid għandna ninkludu l-area tax-Xatt fejn hemm ir-residenzi.

## 13.7 Covid-19 – L-aħħar Żviluppi

13.7.1 Is-Sindku rrefera għall-iżviluppi kontinwi li qed iseħħu minn ġurnata għall-oħra fiċ-ċirkustanzi tal-Covid 19. Huwa spjega kif l-AKL tatna stickers sabiex jitpoġġew fil-Kunsilli u fuq il- bankina ta' quddiem kunsill sabiex tinżamm ċertu distanza. Bħala bankijiet ġew miksija dawk tal-belvedere taż-Żewwieqa, St. Eliju, u dak tax-Xatt l-Aħmar. Ser ikollna wkoll EPOS machines sabiex nnaqsu il-flus kontanti.

## 13.8 EPOS Machines – BOV

13.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-ħtieġa tal-EPOS Machine fil-Kunsilli Lokali qegħda ta' kuljum tiżdied u għalhekk proponiet lill-Kunsill sabiex japprova l-introduzzjoni tagħha fil-Kunsill. Il-Kunsill approva din il-proposta kif ukoll dik tal-internet banking.

## 13.9 Parkeġġ fi' Pjazza 10 ta' Diċembru

13.9.1 Ġiet diskussa l-pjanta preparata mill-Perit Shawn Micallef rigward il-Parking fi Pjazza 10 ta' Dicembru. Sar qbil li għandna nemendaw il-pjanta billi nneħħu biċċa soft area tal-genb biex il-pjanta tiġi estiża. Sar qbil li wara li jsir dan għandna nibgħatuha lill-Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

## 13.10 Preparazzjoni tal-Bajjiet għas-Sajf

13.10.1 Is-Sindku spjega kif ix-xogħolijiet ta' Triq tax-Xatt l-Aħmar huma skedati għal għada. Bħala tneħħija tal-blat tidher li hija problema u tirrikjedi proċess li jieħu fit-tul. Bħala boat mooring fix-Xatt l-Aħmar ser issir l-applikazzjoni u ser issir fl-area ta' taħt il-mobile toilets . Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba sabiex isir platform għal ġol baħar fil-parti fejn hemm is-slipway l-antika li llum m'għadiex tintuża fix-Xatt l-Aħmar. It-talba tressqet lill-Ministeru għal Għawdex u qegħdin jikkonsidrawha li ssir f'dan l-istaġun.

13.10.2 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba sabiex issir Pathway żghira fil-bajja tal-Ġardun, iżda peress li t-talba ressaqniha xi ftit tard x'aktarx li ssir għall sajf ieħor. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll li jsir xi tip ta' railing mat-taraġ ta' din il-bajja.

## 13.11 Aġġornament dwar żewġ żviluppi fi Triq Qala.

13.11.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntatt li kellu minn diversi residenti ta' Triq il-Provigarju dwar applikazzjoni PA/03966/19 għal estenzjoni u tkabbir tal-impjant minn Road Construction li hemm fi Triq il-Qala. Ir-residenti jinsabu ferm preokkupati minħabba li dan l-żvilupp jinsab biss ftit metri l'bogħod minn din l-istess triq. Ir-residenti talbu lill-Kunsill sabiex joġġezzjona għaliex dan ser iħalli impatt negattiv fuq l-ambjent, is-saħħa u anke l-proprejatajiet tagħhom. Is-Sindku spjega kif huwa talab li ssir laqgħa ma' dawn l-istess residenti sabiex jiġi diskuss b'mod aħjar il-preokupazzjonijiet tagħhom filwaqt li talab ukoll lil iżviluppaturi sabiex jagħtu spjegazzjoni ta' x'qed jipproponu fl-estensjoni tal-impjant. Il-laqgħa saret is-Sibt 16 ta' Mejju u saret apposta qabel din il-laqgħa tal-Kunsill sabiex illum tkun tista tittieħed deċiżjoni fuq kif għandna nipproċedu. Is-Sindku qal li huwa talab lil Kunsilliera jattendu u fil-laqgħa ttieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa minħabba il-Covid-19. Is-Sindku qal li minħabba li numru ta' residenti ma' xtaqux li l-iżviluppaturi jkunu preżenti, huwa ikkuntatja lill-applikanti u saħaq sabiex ma jkunux preżenti għal-laqgħa iżda waqt il-laqgħa deher wieħed mid-diretturi, Joe Grima li minkejja d-direttivi u wara argument mas-Sindku, r-residenti ħassew li għandu jibqa preżenti flimkien magħhom għal-laqgħa. Mill-laqgħa rriżulta li x-xewqa tar-residenti kienet li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal din l-estensjoni tal-impjant kif ukoll jitlob studju fuq l-impjanti l-oħra li hemm fil-qrib fi Triq il-Qala.

13.11.2 Sar qbil li inqabbdu lill-Avukat Claire Bonello tirrapprezenta l-intressi tagħna u tar-residenti ghal dan l-appell quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba l-kredenzjali tagħha fi żviluppi simili u anke minħabba l-fatt li hija ambjentalista rinomanta.

13.11.2 Is-Sindku għamel referenza wkoll li din l-avukata ser nuzawha wkoll

sabiex tressaq l-oġġezzjonijiet tagħna għall-applikazzjoni ta' bini tal-farm tan-nagħag (PA 5224/19) fi Triq Qala, din id-darba faċċata ta' Triq Qigħan, Hawnhekk, ir-residenti ippreżentaw petizzjoni kontra dan l-iżvilupp u l-Kunsill se jkun qiegħed jirreġistra ruħu mat-tribunal fl-appell li hemm pendenti.

**13.12 Evalwazzjoni tat-Tender tal-Irrigazzjoni**

13.12.1 Għall-din l-offerta ma' kellna l-ebda sottomissjoni u għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu noħorġuha mill-ġdid.

**13.13 Materji oħra**

13.13.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**13.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

13.4.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

**13.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

13.15.1 Il-laqgħa ntemmet fil-4:00 ta' filghaxija u giet aggornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2020 fis-1:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**